**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 924 / 2013**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Joseph Fenech**

Illum 5 t'Awwissu 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Joseph Fenech bin il-mejtin Guzeppi u Helen neè Formosa, imwieled nhar il-hdax (11) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tmenja u erbghin (1948), detentur tal-karta tal-identità numru 224948 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' Dicembru 2010 u fis-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer:

a. b' mezzi contra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qer iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'

qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dnnu ta' Ruben Buhagiar;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioè pjanti tal-MEPA, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn ilpattijiet, dispozizzjnijiet, obbligi jew hesien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lok, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Rat li din il-Qorti ntalbet li f' kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebitiu tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-10 ta' Mejju, 2022, fejn il-Qorti li rat Artikoli 308, 309, 310, 183, 184 u tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qorti, ma sabitx lill-akkuzat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u illiberatu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 ta' Gunju, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

a. Fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel aggravju, tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddisponi minn din il-kawza skont il-ligi;

b. Alternattivament, fil-kaz li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju, izda tilqa' it-tieni aggravju, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li:

    i. Tikkonfermaha f' dik il-parti fejn iddikjarat li t-tielet imputazzjoni hija preskritta;

    ii. Thassarha u tirrevokha f' dik il-parti fejn iddikjarat li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet huma preskritti u konsegwentament tiddisponi minn din il-kawza skont il-ligi.

Rat illi fis-16 ta' Mejju 2022, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi, u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi meta ddecidiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ukoll meta ddikjarat li din l-azzjoni kienet

preskritta meta fil-fatt skont il-ligi l-azzjoni penali ma kinitx ghadha estinta bl-effett tal-preskrizzjoni;

Illi qabel xejn, l-appellant jirrileva li mhuwiex minnu, hekk kif erronjament gie indikat fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, li l-esponent ta l-kunsens tieghu fil-bidu tal-proceduri fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat *qua* appellat, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;[1]

Illi l-proceduri odjerni ssoktaw permezz ta' kumpilazzjoni peress li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *qua* appellat kienu jgorru piena ta' iktar minn 6 snin prigunerija. Illi ghaldaqstant, l-Avukat Generali ma seta' qatt jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u infatti dan ma kienx il-kaz, u kien ghalhekk li ssoktat kumpilazzjoni sakemm eventwalment l-appellant hareg in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali;

**i. L-Ewwel Aggravju**

Illi stabbilit dan, l-esponent issa ser jghaddi sabiex jispjega ghalfejn, fl-umli fehma tieghu, l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi meta ddecidiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi nhar il-11 ta' Gunju 2020, fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, l-appellant baghat lill-imputat *qua* appellat Joseph Fenech sabiex jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fin-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat, b' dan illi l-Qorti, qabel ma tistaqsi lill-imputat *qua*

[1] Ara folio 2 tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

appellat, jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kellha tisma' dawk ix-xhieda elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju;[2]

Illi wara li l-appellant hareg in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju fil-11 ta' Gunju 2020, waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020, inqraw l-artikoli u l-Qorti ordnat lill-prosekuzzjoni sabiex tressaq il-provi taghha.[3] Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, jidher li saret trattazzjoni fuq il-preskrizzjoni sollevata mid-difiza, u l-kawza giet differita limitatament ghas-sentenza fuq dan il-punt[4];

Illi skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, meta l-atti jintbghatu lura lill-Qorti tal-Magistrati mill-Avukat Generali sabiex dik il-Qorti tiggudika lill-imputat, il-Qorti ghandha tistaqsi lill-imputat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi ittrattat bi procedura sommarja. Izda qabel ma taghmel dan, il-Qorti ghandha tisma' dik ix-xhieda li tigi ndikata fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju;

Illi l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija radikata malli l-imputat jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, u dan skont it-termini tal-artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex, jekk l-imputat, minkejja li l-Avukat Generali jkun hareg in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, iwiegeb li ghandu oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, il-Qorti tal-Magistrati ma tkunx kompetenti li tiggudikah izda tkun il-Qorti Kriminali li tkun kompetenti li taghmel dan;

[2] Ara folio 224 tal-atti processwali.
[3] Ara folio 227 tal-atti processwali.
[4] Verbal mhux innumerat però isegwi folio 232 tal-atti processwali.

Illi fil-kaz odjern, l-imputat *qua* appellat qatt ma ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Illi ghaldaqstant, isegwi li fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma kienet vestita bil-kompetenza ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali, izda l-funzjoni taghha kienet u baqghet dik ta' Qorti Istruttorja;

Illi l-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja hija limitata biex tisma' u tigbor il-provi. Kif jghid il-**Professur Sir. Anthony Mamo** fin-Noti tieghu (Vol. III p. 122):

> *' this court is not a court of trial but a court of enquiry. In other words its function is not that of "deciding" on the merits of the charges brought before it with a view to convicting and sentencing the accused person, but that of collecting and conserving the evidence and compiling the record which may eventually serve as the basis for the trial before H.M' s Criminal Court' .*

Illi fl-umli fehma tal-appellant, il-funzjonijiet tal-Qorti Istruttorja ma jinkludux is-setgha li tiddeciedi fuq kwistjoni bhal ma hi dik tal-preskrizzjoni li twassal ghall-estinzjoni tal-azzjoni kriminali. Dan ghaliex, jekk il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja mhijiex vestita bil-kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-mertu, lanqas ma' jista' jkollha kompetenza li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi dwar eccezzjoni dwar l-estinzjoni tal-mertu;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Dr. Joseph Cassar Galea</u>** ***LL.D***. moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' April 1984, il-Qorti qalet hekk:

*' Gara għalhekk li fl-istess waqt li dik il-Qorti ma kellha xejn x' jindikalha li l-akkuzi dedotti setgħu kienu ta' kompetenza esklussiva tagħha ddecidiet bħalliekieku kienet hi l-Qorti kompetenti li tiddetermina l-kaz. Fil-fatt dan ma setgħetx tagħmlu kemm għax ma kinitx il-Qorti kompetenti kif ukoll għaliex kif ser jigi spjegat il-funzjoni tagħha bħala Qorti ta' Istruttorja ma tinkludix ukoll id-dritt li tiddeciedi fuq kwistjoni bħal ma hi dik tal-preskrizzjoni estentiva ta' l-azzjoni;*

Illi fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tgħid illi:

*' Dan għaliex hu evidenti minn dak li jipprovdi l-legislatur illi l-Qorti li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeciedi eccezzjoni ta' preskrizzjoni trid tkun necessarjament Qorti li għandha gurisdizzjoni tieħu konjizzjoni u tiddeciedi l-akkuza fil-mertu...*

*... u peress li l-preskrizzjoni jekk akkolta twassal bla dubbju ta' xejn għall-final acquittal dik il-Qorti ma setgħetx tidħol fiha sakemm ir-reati dedotti ma jsirux ta' kompetenza tagħha. Il-ligi tipprovdi dwar l-eccezzjoni ta' l-estinzjoni tal-azzjoni kriminali u din necessarjament tigi deciza minn dik il-Qorti li jkollha gurisdizzjoni fuq il-mertu.'*

Illi fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti qatt ma kienet vestita bil-kompetenza ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali in vista tal-fatt li meta ħadet konjizzjoni u ddecidiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-imputat kien għadu ma tax il-kunsens tiegħu sabiex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema kunsens, kif digà spjegat iktar ' il fuq, huwa necessarju sabiex il-Qorti tal-Magistrati tigi vestita bil-kompetenza ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Illi ghaldaqstant, fid-dawl tal-insenjament li qieghed isir referenza ghalih f' dan l-umli rikors tal-appell, l-appellant huwa tal-fehma li l-Ewwel Qorti arrogat lilha nnifisha kompetenza li f' dak l-istadju ma kellhiex meta ddecidiet fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi l-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja wara l-hrug tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, kienet li tisma' dawk ix-xhieda indikati fl-istess nota tar-rinviju ghall-gudizzju, anzi kellha l-obbligu li taghmel dan, skont it-termini tal-artikolu 370(3)(f) tal-Kodici Kriminali;[5] Izda minflok ghamlet dan, u minghajr ma' l-prosekuzzjoni iddikjarat li qeghda tirrinunzja ghal dawk ix-xhieda, l-Ewwel Qorti ippronuncjat ruhha fuq eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-provi li kienu lahqu ngabru sad-data tas-sentenza, u allura spiccat biex qieset il-mertu tal-kaz – funzjoni li bhala Qorti Istruttorja ma setghetx taghmel - meta l-provi tal-prosekuzzjoni kienu ghadhom mhux maghluqa!

### ii. It-Tieni Aggravju

Illi **MINGHAJR PREGUDIZZJU** ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet mhumiex preskritti;

Illi l-imputazzjonijiet jirrisalu ghall-perjodu ta' Dicembru 2010 u s-snin ta' qabel. Illi t-terminu ta' preskrizzjoni tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet huwa dak ta' 10 snin skont it-termini tal-artikolu 688(c) tal-Kodici Kriminali. Dan it-terminu

[5] L-artikolu 370(3)(f) jiddisponi s-segwenti: ' Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti **ghandha** tisma' dik ix-xhieda ohra li tista' tigi ndikata mill-Avukat Generali fl-istess nota li biha jibghat lill-persuna akkuzata sabiex tkun iggudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)' .

beda jiddekori mis-sena 2010 kif ser jigi spjegat waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell. Mill-atti processwali jirrizulta li l-appellat kien deher ghall-ewwel darba fil-Qorti nhar it-13 ta' April 2016, f' liema data t-terminu ta' preskrizzjoni ta' 10 snin kien ghadu ma skadix;

**Ikkunsidrat,**

Illi l-appellant Avukat Generali, fl-ewwel aggravju tieghu qieghed jecepixxi n-nullita' tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi datata l-10 ta' Mejju, 2021. A skans ta' hafna repitizzjoni, l-Avukat Generali qieghed jghid illi l-Ewwel Qorti m' ottemporatx ruhha mal-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali. Qabel tghaddi sabiex tara x'jistipula dan l-Artikolu, din il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali meta jghid illi mhux korretta l-Ewwel Qorti meta fit-tieni pagna tas-sentenza taghha tghid is-segwenti kliem:

> *'Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta' Ottubru, 2017 moghti skont l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*[6] *sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja'*

Din il-Qorti tibda sabiex tghid illi mill-atti processwali qas biss jirrizulta illi kien hemm seduta skedata dwar dan il-kaz nhar is-27 t' Ottubru, 2017 u ghalhekk wisq anqas ma nstab tali kunsens a fol. 7 tal-process, fejn jirrizulta li minflok dan il-kunsens hemm ordni ta' notifika. Oltre minn hekk, stante li whud mill-Artikoli li l-akkuzat jinstab akkuzat bihom, fosthom Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, il-piena massima taccedi s-sitt (6) snin prigunerija, allura l-Artikolu li japplika ghal

[6] A fo. 7

dan il-kaz hu 370(3) u mhux 370(4) tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant, din il-Qorti thoss il-htiega illi tipproduci l-Artikolu 370(3) hawnhekk:

*370. (1) Huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati –*

*(a) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin f'dan il-Kodiċi;*

*(b) id-delitti msemmijin f'dan il-Kodiċi meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew tal-interdizzjoni;*

*(ċ) ir-reati kollha ikkontemplati f'liġijiet oħra meta jaqgħu taħt il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-liġi ma tkunx tiddisponi xort'oħra.*

*(2) Ir-reati msemmijin fis-subartikolu (1) jibqgħu ta' kompetenza tal-qorti fuq imsemmija għad illi, minħabba l-konkors ta' reati u ta' pieni, minħabba r-reċidiva jew minħabba l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 18, ikun hemm lok li tingħata piena akbar minn dawk imsemmijin f'dak is-subartikolu.*

*(3) (a) B'dak kollu li jiddisponi s-subartikolu (1)(b), l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat, sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sentejn iżda mhux iżjed minn tnax-il sena, jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.*

***(b) Meta l-atti jinbagħtu lura lill-qorti sabiex tiġġudika dak id-delitt, il-qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ittrattat bi proċedura sommarja u tagħtih, fid-diskrezzjoni tagħha, żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija.***

***(ċ) Jekk, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, l-akkużat iwieġeb illi huwa m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, il-qorti għandha tinnota t-tweġiba fil-proċess u malli tagħmel hekk il-qorti tkun kompetenti li tittratta l-każ tal-akkużat u għandha tagħti s-sentenza minnufih, kif provdut fl-artikolu 377.***

*(d) Jekk l-akkużat isib oġġezzjoni illi l-każ jiġi ittrattat bi proċedara sommarja, il-qorti għandha tordna li l-atti tal-każ jinbagħtu lill-Avukat Ġenerali, fiż-żmien stabbilit fl-artikolu 401(3), sabiex il-każ ikun iġġudikat skont il-liġi. F'dan il-każ, iż-żmien imsemmi fl-artikolu 432 għall-preżentata tal-att tal-akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar li l-Avukat Ġenerali jirċievi l-atti tal-każ.*

*(e) Meta n-numru tal-akkużati mibgħuta biex ikunu iġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) jkun tnejn jew iżjed, id-dispożizzjonijiet tal-aħħar paragrafu qabel dan għandhom japplikaw biss dwar dak il-wieħed jew iżjed mill-akkużati li jagħmlu oġġezzjoni illi l-każ jiġi ittrattat bi proċedura sommarja, u, f'dan il-każ iż- żmien stabbilit fl-artikolu 432 sabiex jiġi ippreżentat latt tal-akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih l-Avukat Ġenerali jkun irċieva l-proċess wara li s-*

*sentenza f'kull każ li jkun ġie ittrattat bi proċedura sommarja jkun għadda b'ġudikat.*

***(f) Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a).***

B'referenza partikolari ghas-sub-incizi (b), (c) u (f) din il-Qorti tista' tikkonferma illi l-Ewwel Qorti ma mxietx mal-Ligi hekk kif provduta fl-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali. L-appellat qatt ma ta l-kunsens sabiex il-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. Ghalhekk din il-Qorti taqbel illi l-kompetenza ta' l-Ewwel Qorti baqghet dik tal-Qorti Istruttorja li m'ghandiex setgha li taqbad u tghaddi ghas-sentenza kif ghamlet l-Ewwel Qorti. Huwa minnu illi l-prosekuzzjoni traskurat dan il-kaz ghal snin twal li qed jigi bl-aktar mod ikkundannat, madankollu l-Ewwel Qorti ma haditx id-decizjoni korretta skond il-ligi u dan *stante* kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Attard**,[7] li ***'l-kompetenza tal-Qrati hija dejjem kwistjoni ta' ordni pubbliku ghaliex qorti ma tistax tassumi poteri li mhumhiex moghtija lilha bil-ligi.'***

Ghaldaqstant, in vista' tal-karenza fil-formalita' tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, liema formalita' hija wahda essenzjali, din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali, li jikkorrispondi mat-talba tieghu mmarkata bl-ittra 'a' u tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata.

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2021.

Wara li rat l-Artiklolu 428 tal-Kodici Kriminali, tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur